MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 1147/2011

**Joseph Schembri bħala mandatarju speċjali ta' Theresa Schembri**

**-vs-**

**Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Novembru 2011 li permezz tiegħu l-attur nomine ppremetta:

Illi kif jirriżulta miċ-ċertifikat tat-twelid ta' Theresa Schembri xebba Vassallo, hawn anness bħala Dok A, l-isem tagħha huwa miktub "THERESA"

Illi jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha, liema att taż-żwieġ iġib in-numru 514/1966, hawn anness bħala Dok B,

hemm żball kif inhu miktub isem l-attur nomine, peress illi dan huwa miktub “TERESA” minflok “THERESA”;

Illi dan l-iżball qiegħed jikkaġuna problemi u diffikultajiet lill-attur nomine, partikolarment sabiex hija titħallas pensjoni fl-Awstralja.

Illi l-konvenut ġie mitlub jirretifika dan l-iżball iżda baqa’ inadempjenti u nsista li għandu jsir rikors il-Qorti.

Illi dan ir-rikord qed isir *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Għaldaqstant l-attur nomine jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tordna li fl-att taż-żwieġ numru 514/1996, l-isem tal-attur nomine jiġi korrett minn “TERESA” għal “THERESA”.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li jibqa’ nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur nomine u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, preżentata fit-28 ta’ Diċembru 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern ta’ lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Illi mingħajr preġudizzju għall-fuq riferit l-esponenti jirrileva li huwa ma jsibx oġġezzjoni għal-korrezzjoni ta’ isem ir-rikorrenti minn “Teresa” għal “Theresa” fl-att taż-żwieġ li jġib in-numru ta’ skrizzjoni 514/1966, salv però li huwa m’għandux jinżamm responsabbli ta’ din l-inkorrezzjoni u dan *stante* li f’dak iż-żmien li ġie reġistrat l-imsemmi att, u ċjoe’ s-sena 1966, ma kienx hemm eżistenti sistema kompjuterizzata ta’ ġabra u kkonservar ta’ informazzjoni u

dokumenti. Għaldaqstant, l-uffiċjali tar-Reġistru Pubbliku kienu jistrieħu fuq id-dikjarazzjoni ta' dak li jafferma l-korrezzjoni tal-informazzjoni li kienet titniżżel fl-att in kwistjoni, f'dan il-każ tal-Kappillan Rev. Anthony Pace (Dok. A.);

Illi għaldaqstant, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku m'għandux jiġi akkollat bl-ispejjeż tal-proċeduri stanti;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2012 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur *nomine* qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward isimha hija evidentement ġustifikata billi l-mandatarja tal-attur dejjem kienet magħrufa bħala **"Theresa"** u mhux **"Teresa"** kif indikat fiċ-ċertifikati in kwistjoni. Jidher pero' li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball u għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-istess attur *nomine*.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------